



L-involvement tal-impjegati fil-kumpaniji skont l-Istatut tal-Kumpanija Ewropea

Sommarju eżekuttiv

Introduzzjoni

Kumpanija Ewropea (Societas Europaea – SE) topera madwar l-Ewropa kollha u hija regolata mil-liġi tal-Unjoni Ewropea. Ir-Regolament (2157/2001) u d-Direttiva tal-Kunsill 2001/86/KE tal-Istatut tal-Kumpanija Ewropea (ECS) jistipulaw li għandhom isiru negozjati dwar l-involvement tal-impjegati fil-formazzjoni ta' SE. Kemm ir-regolament kif ukoll id-direttiva ġew adottati fit-8 ta' Ottubru 2001 u kellhom jiġu implimentati fl-Istati Membri sat-8 ta' Ottubru 2004. Kumpanija bbażata fl-UE tista' ssir SE f'erba' modi (l-ewwel tlieta jinvolve aktar minn kumpanija waħda): amalgamazzjoni; il-ħolqien ta' kumpanija possedenti konġunta; il-ħolqien ta' sussidjarja; jew meta kumpanija waħda bbażata fl-UE tiġi trasformata f'SE, sakemm din kellha sussidjarja regolata mil-liġi ta' Stat Membru ieħor għal mill-inqas sentejn. L-involvement tal-impjegati huwa spjegat mid-direttiva bħala 'kull mekkaniżmu, inklużi t-tagħrif, il-konsultazzjoni u l-parteċipazzjoni, li permezz tagħhom ir-rappreżentanti tal-impjegati jistgħu jeżerċitaw influwenza fuq id-deċiżjonijiet li jridu jittieħdu fil-kumpanija'. L-involvement tal-impjegati, inkluż id-drittijiet ta' parteċipazzjoni fuq livell ta' bord, huwa l-fokus ta' dan ir-rapport ta' riċerka.

Kuntest tal-politika

Fid-dawl taż-żieda fin-numru ta' SEs li nħolqu matul dawn l-aħħar snin, kien hemm dibattitu konsiderevoli dwar kif id-direttiva tal-SE tista' taffettwa r-relazzjonijiet industrijali nazzjonali u l-oqfsa eżistenti tal-involvement tal-impjegati. Min iħaddem qajmu tħassib li pajjiżi li għandhom drittijiet qawwija ta' kodeterminazzjoni jistgħu jsiru inqas attraenti għall-SEs, filwaqt li r-rappreżentanti tal-impjegati u t-trade unions huma mħassba li dawn id-drittijiet ta' kodeterminazzjoni jistgħu jiddgħajfu meta kumpanija eżistenti tiġi trasformata f'SE. F'Settembru 2008, il-Kummissjoni Ewropea ppublikat dokument bit-titolu *Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar ir-Reviżjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/86/KE tat-8 ta' Ottubru 2001*.

Messaġġ importanti ta' din il-komunikazzjoni huwa li għadu kmieni wisq biex issir valutazzjoni sħiħa tad-direttiva tal-SE. Huwa qal: 'il-maġġoranza vasta ta' Stati Membri u msieħba soċjali Ewropej iqisu li, għalissa, id-Direttiva ma teħtieġ li tiġi emendata jew ikkjarifikata. Minħabba li prattikament m'hemmx esperjenza fl-applikazzjoni tal-provvedimenti nazzjonali li jittrasponu d-Direttiva, jeħtieġ aktar żmien qabel ma jkun jista' jiġi stabbilit jekk jinħtieġ xi emendi.'

Sejbiet ewlenin

Sa Ġunju 2010, kienu stabbiliti madwar 588 SEs. Madwar kwart biss (145) kienu qed iwettqu attivitajiet ekonomiċi 'reali' mal-impjegati ('SEs normali'). Dan jimplika li l-maġġoranza vasta ta' SEs li nħolqu sal-ġurnata tal-lum mhumiex jagħmlu n-negozju jew mhumiex jimpjegaw lin-nies b'mod attiv. Ħafna mill-SEs (78) huma hekk imsejħa kumpaniji 'inattivi' li huma għall-bejgħ, b'ħafna minnhom fir-Repubblika Ċeka (43), jew SEs 'vojta' (82) li s'issa għad m'għandhomx impjegati. Għal ħafna SEs (madwar 283) ma hemm assolutament l-ebda informazzjoni disponibbli (dawn l-SEs huma magħrufa bħala 'UFOs'). Din l-istampa diversa tat-tipi differenti ta' SEs hija wkoll irreplikata fir-rigward ta' kopertura ġeografika: fi tmien Stati Membri (il-Bulgarija, il-Finlandja, il-Greċja, l-Italja, il-Litwanja, Malta, r-Rumanija u s-Slovenja) għadha ma ġiet irreġistrata l-ebda SE. Il-firxa ta' SEs 'normali' hija wkoll ferm inugwali; il-Ġermanja għandha bil-bosta l-aktar SEs 'normali' (73), filwaqt li r-Repubblika Ċeka għandha 20. Madwar 45% tal-SEs normali kienu stabbiliti permezz tal-konverżjoni ta' kumpanija eżistenti, filwaqt li madwar 25% kienu riżultat ta' amalgamazzjonijiet. Numru komparattivament żgħir biss kienu stabbiliti bħala kumpaniji possedenti jew bħala sussidjarji. Nofs l-SEs normali għandhom inqas minn 500 impjegat.

L-istudji tal-każijiet juru li ġeneralment, SE tintuża mill-kumpanija biex timmodernizza u toħloq strutturi aktar effiċjenti ta' kumpanija f'ambjent internazzjonali. Għall-amministrazzjoni, il-ftehim dwar l-involvement tal-impjegati huwa prekondizzjoni neċessarja għall-ħolqien ta' SE. Dan jgħin biex joħloq identità ta' kumpanija Ewropea. Għall-impjegati, il-ftehim dwar l-involvement tal-impjegati jfisser li d-drittijiet ta' kodeterminazzjoni fil-bord superviżorju ġew żgurati jew saħansitra mtejba, u nkisbu drittijiet importanti għall-kunsill tax-xogħol tal-SE. L-involvement tal-impjegati fl-SE ma jitqiesx mill-kumpaniji kkonċernati bħala xi ħaġa 'arbitrarja' iżda bħala parti integrali mit-tmexxija korporattiva fl-UE.

Il-biċċa l-kbira tal-ftehimiet tal-SE jirrepetu d-drittijiet ta' informazzjoni li hemm fir-regoli standard. Xi wħud iżidu punti speċifiċi oħrajn. F'ħafna ftehimiet, dawn huma limitati għal kwistjonijiet 'transkonfinali', ġeneralment deskritti bħala kwistjonijiet li jikkonċernaw aktar minn pajjiż wieħed. Il-ftehimiet kollha tal-SE fih drittijiet konsultattivi supplementari f'ċirkostanzi eċċezzjonali'. Fir-rigward tal-perjodu li matulu d-drittijiet ta' informazzjoni għandhom jiġu estiżi, ħafna drabi l-ftehimiet jużaw formula ispirata mir-riformulazzjoni tad-Direttiva (Direttiva 94/45/KE) tal-Kunsill tax-Xogħol Ewropew (EWC) – jiġifieri, 'fi żmien xieraq'. Ħafna mir-rappreżentanti tal-impjegati intervistati għal dan ir-rapport saħqu dwar il-valur miżjud ta' kunsill tax-xogħol ta' Kumpanija Ewropea għall-aċċess għal informazzjoni strateġika u fuq amministrazzjoni ċentrali. F'xi każijiet, ir-rwol ta' 'avukat tal-impjegati' tal-kunsilli tax-xogħol tal-SE jmur lil hinn minn dak deskritt fil-ftehim tal-SE: f'dawn il-każijiet il-kunsill tax-xogħol tal-SE jaġixxi f'isem dawk li l-kapaċità tagħhom li jiddefendu l-interessi tagħhom hija dgħajfa jew ineżistenti.

Il-parteċipazzjoni tal-impjegati fuq livell ta' bord kien aspett importanti tan-negożjati dwar l-involvement tal-impjegati fl-10 każijiet kollha li ġew analizzati għal dan ir-rapport. Tradizzjonijiet u rekwiżiti speċifiċi tal-kumpanija ġew irrispettati. F'ħafna każijiet, il-parteċipazzjoni tal-impjegati fuq livell ta' bord kienet aġġustata skont ħtiġijiet ġodda. L-ebda kumpanija ma qalbet minn sistema ta' tmexxija korporattiva ta' żewġ saffi għal dik b'saff uniku. Id-drittijiet ta' kodeterminazzjoni ma ddgħajfux, minkejja li l-ħatra ta' rappreżentanti fuq livell ta' bord mit-trade unions ma kinitx dejjem sempliċi.

L-involvement attiv ta' trade unions (kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll fuq dak tal-UE) kien sors importanti ta' appoġġ għar-rappreżentanti tal-impjegati tal-kumpanija. L-involvement ta' trade unions fuq livell ta' UE iffavorixxa l-'Ewropejizzazzjoni' tar-rappreżentanza tal-interessi. In-negożjar

tal-involvement tal-impjegati fl-SEs joħloq opportunità għal rappreżentazzjoni ta' interess fuq livell ta' UE li jappoġġa l-iżvilupp ta' identità Ewropea kif ukoll 'mandati Ewropej' (li permezz tagħhom ifisser l-evoluzzjoni ta' livell ta' rappreżentanza ta' interess u artikolazzjoni tal-interessi tal-impjegati, iffurmati aktar permezz ta' interessi Ewropej milli minn dawk nazzjonali). In-negożjati dwar l-involvement tal-impjegati fl-SEs wasslu għal ftehimiet u miżuri li huma meqjusa bħala pożittivi minn atturi fuq iż-żewġ naħat.

Indikaturi ta' politika

L-influenza attwali tal-SEs fuq l-'Ewropejizzazzjoni' ta' relazzjonijiet industrijali ma għandhiex tiġi sopravalutata. Iżda fit-tul, l-SEs jistgħu jirriżultaw li jkunu fattur fil-ħolqien ta' relazzjonijiet industrijali li huma sopranazzjonali, u speċifiċi għall-intrapriża, li huma differenti mis-sistemi ta' relazzjonijiet industrijali fl-ambjenti ta' relazzjonijiet industrijali nazzjonali rispettivi.

Hemm indikazzjonijiet li f'xi każijiet, il-forma legali l-ġdida ta' SE setgħet intużat biex jiġu evitati r-regolamenti nazzjonali eżistenti dwar id-drittijiet tal-parteċipazzjoni tal-impjegati. Iżda l-analiżi ta' 10 każijiet ta' kumpaniji f'dan ir-rapport turi li l-involvement tal-impjegati huwa meqjus b'mod wiesa' bħala parti integrali mit-tmexxija korporattiva fl-UE.

L-inventarju tal-SEs eżistenti li sar għal dan ir-rapport jindika li SEs 'inattivi' u 'vojta' żviluppaw f'grupp sinifikanti ta' kumpaniji eżistenti Ewropej. Dak li huwa inkwetanti dwar din it-tip ta' SE hija li d-direttiva ma tipprovdni għall-ebda azzjoni f'termini ta' involvement tal-impjegati f'każijiet fejn SE 'vojta' jew 'inattiva' tinbidel f'waħda normali. Kemm jekk din twassal jew le għall-bżonn konkret li jiġi aġġustat il-prinċipju ta' 'qabel u wara' tad-direttiva huwa punt importanti ta' dibattitu fost l-imsieħba soċjali u l-esperti Ewropej.

Fl-isfond ta' riżorsi restritti u persunal limitat, inizjattivi bħall-istabbiliment taċ-Ċentru Ewropew għall-Kompetenza tal-Parteċipazzjoni tal-Ħaddiema (EWPC – parti mill-Istitut Ewropew tat-Trade Unions ETUI) jidhru partikolarment vulnerabbli. Ikun ta' għajna jekk dan iċ-ċentru mibdi mill-impjegati, u li jħares 'il quddiem ikun issupplimentat permezz ta' istituzzjoni simili li tirrapreżenta u toffri appoġġ lil min iħaddem.

Aktar tagħrif

Ir-rapport, *L-involvement tal-impjegati fil-kumpaniji skont l-Istatut tal-Kumpanija Ewropea*, jista' jinstab fuq is-sit elettroniku <http://www.eurofound.europa.eu/eiro/studies/tn1008022s/index.htm>

Christian Welz, Maniġer tar-Riċerka
cwe@eurofound.europa.eu